CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12

It- Tnejn, 20 ta' April 2020

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camile Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.13pm.

**12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

12.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

12.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal- Ħdax il- Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

12.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**12.3 Komunkazzjoni tas- Sindku**

12.3.1 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li kellem lil- Perit Fsadni mill-MTA fuq Ghajn Hammiem, kif ukoll il-Kunsilliera Maryann Sultana kellmet lill-Lands Department u kkonfermaw li dik il-binja hija privata u ma taqax taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill. Is- Sindku ħa l-inkarigu jingħat email lis-sidien biex isir il-manutenzjoni meħtieġa pero' sa' llum għadu ma rċeviex risposta.

12.3.1.1 Il-Viċi Sindku ppropona li jekk sa l-laqgħa li jmiss ma nirċevux risposta, għandhom jitwaħħlu tabelli quddiem il-binja fejn juru li din hija propjeta' privata. Il-Kunsill qabel.

12.3.2 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-perit tal- Kunsill bgħat kwotazzjoni għal survey li jrid isir tal-kundizzjoni tal-pavimentar ġewwa l-Mdina biex b'hekk jkun jista' jintbgħat rapport lil Infrastructure Malta għal kunsiderazzjoni. Din il-kwotazzjoni tammonta għal € 4956. Il-Kunsill approva

12.3.3 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-manutenzjoni fuq Casino Notabile' tlesta' u jekk alla jrid wara li tgħaddi din il-pandemija, jkun jista' jibda jitgawda minn sawk li jzuruh.

12.3.4 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-bins l-ġodda waslu u ser jibdew jitwaħħlu ġewwa Howard Gardens biex jissostitwixxu dawk prezenti. Li jkum hemm għadhom tajbin mill-antiki ser jitwaħħlu fil-Foss.

12.3.5 Is- Sindku qal li xi zewġ gimgħat ilu kellu laqgħa mas- Sur S. Azzopardi mill-Ministeru tat-Trasport u Xogħolijiet, prezenti għal din il-laqgħa kien hemm il-Kunsilliera is- sinjura Sultana. F'din il-laqgha il-Kunsill ġie infurmat li fix-xhur li ġejjin ser jibdew xi xogħolijiet ta' manutenzjoni u r- restawr tal- Bridge ta' L-Imtarfa.

12.3.6 Is- Sindku kien tal-fehma li l-Kunsill għandu jintroduċi sistema ta' permessi relatati mal-Kunsill li jkunu online. Din il-ħtieġa ta' pjattaforma digitali qed kull ġurnata li tghaddi ssir indispensabbli fid-dinja diġtali ta' llum aktar u aktar wara li nqalgħet dil-pandemija. Il-Kunsill qabel u talab lis- SE biex joħroġ sejħa gla-kwotazzjonijiet f'dan ir-rigward.

12.3.7 Is- Sindku bgħat messaġġ ta' ringrazzjament lil-Cleansing Direcorate wara li ntbgħatu il-ħaddiema tagħhom fil-lokalita'biex jagħmlu xogħol ta' rutina ta' disinfettazjoni tat-toroq.

**12.4** Ilmenti u items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill

12.4.1 Is- SE infurma lill- Kunsill li bħalissa għaddej l-audit tas- sena finanzjarja 2019 fejn dan qed isir kollu permezz ta' scanning u photocopies tad-dokumenti relatati kif ukoll tweġibiet permezz ta' l-email minħabba din il-pandemija

11.6.2 Is- SE infurma lill-Kunsill li rċieva l-permessi relatati maz-zbir tas-siġar tal-palm mingħand l-ERA u ser isiru x-xogħolijiet.

**12.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

12.5.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-20 ta' April 2020, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 13,215,35

12.5.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ser tiġi iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett la darba jitkomplu l-laqgħat fl-uffiċċju tal-Kunsill wara li tgħaddi l-pandemija wara istruzzjonijiet mid- Dipartiment u l-Awtoritajiet tas- Saħħa

**12.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-15.52 pm u ġiet aġġornata għal-25 ta' Mejju 2020 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 25-05-2020_______